**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sebgħa u sebgħin (77) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 18 t'April 2017, fis-6.10pm, fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Is-Sindku qalet it-talba u ppresediet is-seduta.

**77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**
Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji, iżda s-SE informa lill-kunsillieri illi Michel Farrugia ċempillu u qallu li ma setgħax jattendi għal din is-seduta.

**77.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.**
Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu kkunsidrati u sarulhom dawn l-emendi.

76.3 Iddaħħlu l-kelmiet '*għan-nom ta*' bejn il-kelmiet is-'*Sur Mintoff*' u '*l-Operatur tal-Malta Public Transport...*'

76.3.03 Il-paragrafu 76.3.03 se jidher kollu fil-minuti u minn tipa ħamra se tidher bil-linka sewda.
Inqatgħu il-kelmiet '*iddeskriviet illi*' bejn il-kelmiet '*preċedenti*' u '*l-artiklu li daħal wara dik .....*'
Iddaħħlet il-kelma '*, li*' bejn il-kelmiet '*(tal-Istati Uniti)*' u 'għadda minn fuqna...'
Iddaħħlu l-kelmiet '*li jittratta l-ħidma tal-Kunsill.*' wara '*f'ħarġa tal-fuljett*'
Iddaħħlu l-kelmiet '*jew tal-oppożizzjoni*' wara l-kelmiet '*diretta kontra l-Gvern*'

76.4 Inbidlet id-data tal-*Buffet Lunch* minn 5 ta' Mejju għas-6 ta' Mejju.
Se tidher fil-minuti is-sentenza 'Madankollu din se taħbat mal-Festa Nar organizzata mir-Reġjun Nofsinhar u għalhekk se jkollna nipposponuha għal ġurnata aktar tard.'

Il-minuti tressqu għal vot. Grace Marie Mallia kienet il-proponent u s-sekondant kienet Anita Farrugia. Dawn kienu approvati unanimament.

**77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**
Is-Sindku semmiet l-*e-mail* ta' Ryan Vella dwar id-dwal tat-toroq fi Triq Ħal Farruġ.

Is-Sindku saħqet biex tintbgħat *reminder* oħra lill-Perit William Lewis biex jiddiżinja il-*gazebo*.

Is-Sindku tkellmet dwar l-iskema ta' restawr tal-binja tal-gvern tal-komun imnedija għal darba oħra tal-Awtorita' tad-Djar.

Is-Sindku tkellmet dwar il-ftuħ tal-katakombi minn Heritage Malta. Hija qalet illi għandna nerġgħu niltaqgħu magħhom.

Issemmiet il-ħarġa tal-fuljett ta' Marzu tal-KLM.

Charlene Zammit semmiet il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

Charlene Zammit qrat l-ittra li kienet iddrafftjatha lil Transport Malta dwar il-karozzi tal-linja tar-rotta numru 117 u 218. Din se tintbgħat kif inhi biex insolvu l-problema tal-waqfien tal-karozzi tal-linja fi Triq Karmenu Ciantar u fil-Pjazza tal-lokal.

Is-Sindku qrat *e-mail* li fiha kien hemm talba minn Mario Micallef dwar żewġ strixxi sofor (*road marking*) quddiem ir-residenza tal-blokka La Quercia Block A.

Is-Sindku qalet illi kelmita residenta ta' Triq l-Imterrqa biex il-KLM iwaħħal l-isem tat-triq in-naħa ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

Is-Sindku għamlet talba għal mera fi Triq iż-Żurrieq.

**77.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**
Grace Marie Mallia semmiet il-ħarġa għal Għawdex. Ġie deċiż li l-ħarġa ssir nhar it-23 ta' Mejju u tkun tinkludi viżita fis-siti ta' Heritage Malta għal €2 fil-Mitħna ta' Kola u t-tempji tal-Ġgantija.

Paul Spiteri tkellem fuq il-virus taz-zika u l-moniteraġġ fuq it-*tiger mosquitoes*. Hu qal illi l-Kunsilli qed jintalbu sabiex jiġu identifikati erba' postijiet li fihom jitpoġġa apparat li jikkonsisti f'barmil u sponża. L-erba' postijiet kienu identifikati waqt din il-laqgħa:

(i) Viċin il-ġibjun fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma' Triq il-Franka,
(ii) Ir-roundabout fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti fejn il-katakombi,
(iii) Sqaq Buħar,
(iv) Tar-Robba,

Grace Marie Mallia qalet illi talbuna *sleeping policeman* fis-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija quddiem ir-residenza bin-numru 27.

Anita Farrugia staqsiet dwar il-proposta ta' resident li ssir sleeping policeman fi Triq Karmenu Ciantar.

Grace Marie Mallia staqsiet għaliex ma telgħetx il-bandiera f'Jum il-Ħelsien. Is-SE wieġeb illi nesa' hu u kulħadd mill-ħaddiema tal-IPSL u anke l-kunsillieri.

**77.5 Audited financial statements**

L-Audited Financial Statements 2016 kienu mgħoddija għal vot. Dawn kienu proposti minn Anita Farrugia u sekondati minn Charlene Zammit u kienu approvati unanimament.

**77.6 Bini ta' Dar għall-Anzjani minn Projects Malta**
Is-Sindku semmiet il-proposta ta' Dar għall-Anzjani.

Għaldaqstant se ssir laqgħa pubblika informattiva nhar l-20 t'April fil-librerija tal-iskola primarja.

**77.7 Il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja**
Se ssir laqgħa mal-*istake holders* speċjalment mal-każini tal-banda, dwar il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja li se jsir mill-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura.

Anita Farrugia telqet mill-laqgħa fis-7.55pm.

**77.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**
Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba approva l-iskeda tal-pagamenti numru 530.

**77.9 Aġġornament**
Il-laqgħa ntemmet fit-8.10pm u se tinżamm dik li jmiss nhar id-9 ta' Mejju fis-6.00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 9 ta' Mejju 2017 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Eżekuttiv Sindku